MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1708/2001/1

**Souhail Al Salima**
**vs**
**Elvin Barbara**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fis-6 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' danni ta anqas minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), u fejn intqal:**

**Illi l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal isib lill-konvenut responsabbli ghall-incident tat-traffiku tal-11 t'Ottubru, 2001, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u dan minhabba negligenza, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha tal-konvenut;**

**Illi t-Tribunal jillikwida d-danni li sofra fil-vettura Skoda bin-numru ta' registrazzjoni KAS-628, fl-**

**incident hawn fuq imsemmi liema danni huma ta' anqas minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00);**
**Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Jannar, 2002, fejn gie eccepit:**

**i. In linea preliminari, l-attur mhux il-legittimu kontradittur ta' l-eccipjent stante li l-attur kien biss ix-xufier tal-vettura KAJ-628 u mhux is-sid li kienet Thelma Cilia. Ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' l-attur;**

**ii. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament htija ta' l-attur Souhail Al Salim;**

**iii. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess. L-attur ghandu jgib prova tad-danni;**

**iv. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-attur;**

**v. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab ammont ta' anqas minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) u fejn intqal:**

**a. Illi l-incident de quo gara unikament tort ta' l-imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' l-attur Souhail Al Salim;**

**b. Konsegwenza tal-htija ta' l-attur, il-konvenut garrab danni li ma jeccedux il-valur ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**c. Illi l-attur ghandu jigi kkundannat ihallas lill-konvenut dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni;**

**d. Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-Ligi kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fil-5 ta' Gunju, 2002, li fiha intqal li t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident tal-11 ta' Ottubru, 2001 kien unikament ir-responsabilita` tal-konvenut stante li kien negligenti, traskurat u ma harisx ir-regolamenti tat-traffiku;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra d-decizjoni preliminari moghtija fil-21 ta' Gunju, 2002, li biha t-Tribunal illibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk issa jibqa' biss li tigi deciza l-kontro-talba tal-konvenut.**

**Semgha x-xhieda ta' Souhail Al Salima, Elvin Barbara, PS874 Patrick Zammit. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. illi din id-decizjoni tirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenut, ossija li kien l-attur responsabbli ghall-incident li sehh fil-11 ta' Ottubru, 2001 fi triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura HMY-252 misjuqa mill-konvenut u l-vettura KAJ-628 misjuqa mill-attur.**

**2. Il-konvenut kien qed isuq mini-bus minn Triq it-Turisti, Qawra, u kien tiela' mid-direzzjoni tas-Suncrest fid-direzzjoni ta' Bigibba. Skond il-konvenut il-vettura ta' l-attur giet minn faccata u baqghet tiskiddja ghal go fih. Meta rah jaghmel din il-manuvra kien xi tletin pied il-boghod. Il-konvenut waqaf meta ra dan, u meta habat fih l-attur, il-konvenut kien wieqaf. Il-konvenut spjega li l-art kienet imxarrba u li l-attur skiddja.**

**3. L-attur da parti tieghu jghid li kien miexi dritt fid-direzzjoni tal-Qawra Palace Hotel, u kien miexi xi distanza ta’ metru il-boghod mil-bankina.**

**4. Dak li qed jghidu il-partijiet huwa bazikament dak li jinsab fir-road accident report, Dok.PZ1.**

**5. Jirrizulta li kien hemm vetturi parkeggjati, u ghalhekk il-konvenut ma kienx miexi mal-bankina.**

**6. It-Tribunal irrileva li ma kienx hemm “brake marks” da parti taz-zewg vetturi. It-Tribunal, tenut kont tac-cirkostanzi, iqies li fil-mument ta’ l-incident, in vista ta’ kif spiccaw il-vetturi kif muri fl-isketch, huwa verosimili li l-vettura misjuqa mill-attur skiddjat, u baqghet diehla ghall-gol konvenut. Tenut kont li l-art kienet imxarrba, l-attur messu kien aktar attent biex ikollu l-vettura f’kull moment that il-kontroll tieghu, haga li ma sehhitx, ghax kieku ma kienx isehh l-incident.**

**7. Ghalhekk it-Tribunal iqies li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament l-attur.**

**8. Bhala danni mill-iricevuti esibiti, jirrizulta li l-konvenut kellu bhala danni s-somma ta’ tmien mija tnejn u hamsin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm852.25).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ l-kontro-talba tal-konvenut in kwantu l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta’ tmien mija tnejn u hamsin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm852.25), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------